MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 98/2006

**Joseph Ciscaldi (ID 651941M) ezercenti**
**l-kummerc taht l-isem Butterfly Garage**

**Vs**

**F. Busuttil Service Station Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Frar, 2008 fejn gie premess illi s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tmien mija u hamsin Liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (LM850.82), rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura KAK-426 propjeta` ta' l-attur, in konsegwenza tal-imperizja u negligenza tas-socjeta` konvenuta. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 17 ta' Jannar 2006 u bl-imghax, u bis-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta tat-8 ta' Marzu, 2006 fejn gie eccepit illi (1) preliminarjament, is-socjeta` konvenuta mhix il-legittima kontraditrici stante illi l-istess socjeta` ma ghandha u qatt ma kellha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza, u ghal daqstant is-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; (2) illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur fit-talba tieghu bl-ebda mod ma jindika kif setghu gew ikkawzati jew f'hiex jikkonsistu d-danni allegati minnu, (3) illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` konvenuta dejjem uzat u tuza l-prudenza, id-diligenza u l-hsieb tal-bonus pater familias f'xogholha ; (4) illi fil-mertu u wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u f'kaz illi l-attur sofra xi danni, dawn huma imputabbli unikament lill-attur, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza, (5) salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ikkunsidra :

Illi l-attur qed jitlob s-somma riklamata peress illi jallega illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-hsara li garrbet il-vettura KAK – 426, proprjeta` tal-garage attur, liema hsara hija rizultat ta' diesel mitfuh minflok petrol fit-tank tal-vettura msemmija.

Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta tichad dan u tichad ukoll l-istorja kif mressqa mill-attur.

Xehed l-attur **Joseph Ciscaldi** fejn qal illi jiggestixxi negozju ta' kiri tal-karozzi mill-Butterfly Garage u jghid illi kellu vettura Daewoo Lubira bin-numru KAK - 426 ta' lewn ahmar, li kienet mikrija lill-wiehed mid-diretturi tal-Mafasa Limited. Stqarr li kienet tinstaq minn certu Tarek ta' nazzjonalita Libjana. Jghid illi kien ircieva telefonata minghand Tarek li nfurmah illi l-vettura kienet waqfitlu u li kien ta l-petrol mis-Service Station ta' Busuttil u li ma riditx tistartja. Jghid illi meta ezaminaw il-karozza nstab illi "*flok petrol kienu tefghula diesel*", filwaqt illi jzid illi sakemm Tarek ipprova jistartja l-vettura saritilha xi hsara fil-magna.

Stqarr illi gie nfurmat minn Busuttil Service Station illi kien sar zball illi l-EneMalta mliet il-tank tal-petrol bid-diesel u vice-versa, allura graw diversi incidenti simili bhal dak ta' Tarek. Jghid illi certu Joe minn naha tas-Service Station avzah biex jghaddielu l-kontijiet sabiex l-Enemalta tkun tista` tassumi r-responsabbilita`. Pero jghid illi wara xi zmien Busuttil cahdu r-responsabbilita` biex ihallsu s-somma li qed tintlab permezz ta' dina l-kawza.

**Angel Georgev** xehed illi huwa inkarigat fi hdan il-kumpanija Butterfly Garage u qal illi huwa kien bghat l-invoices relattivi lill-F.S. Busuttil Services Ltd u kien infurmhom illi certu fiscal receipts relatati ma diversi spejjez ohra kienu ser jintbaghtu fil-futur. Jghid illi kien infurmat mill-Accountant tas-socjeta` konvenuta illi biex l-Enemalta jistghu jikkompensaw riedu il-fiscal receipts. Ikkonferma illi l-ammont reklamat ghadu ma giex imhallas fit-total tieghu u li Mr Busuttil stess assigurah illi hu ser jaghmel tajjeb ghad-danni kkawzati.

**Tarek Talkuni**, min-naha tieghu jghid illi l-kumpanija li maghha jahdem ghandha kont ma' F. Busuttil Service Station, jghid illi peress illi fl-incident in kwistjoni huwa mar jimla` t-tank tal-karozza bil-petrol matul il-gurnata, kien impjegat tas-socjeta` konvenuta stess illi mela l-karozza. Jikkonferma illi wara li saq madwar mitt metru l-karozza waqfet, pprova jistartja imma kien kollu ghal xejn. Jghid illi talab assistenza mis-service station stess izda nfurmawh illi ma kienux joffru dak it-tip ta' servizz, allura nforma lis-socjeta` attrici bl-akkadut.

Xehed **Peter Paul Said** u qal illi huwa Service Manager tas-socjeta` John's Auto Care Limited, fejn ikkonferma d-dokumenti li gie muri bhala invoices rilaxxjati mill-istess kumpanija ta' xogholijiet li saru fuq il-vettura. Jghid illi l-vettura in kwistjoni dahlet bil-magna ma tahdimx u li sabu remains ta' fuel illi ma kinitx tiehu dak il-vettura. Izid illi ghalkemm ma hadux sample tal-fuel li sabu, mill-esperjenza illi ghandom setaw jikkostataw dak li huwa qal.

Xehed **Joseph Busuttil** in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, u qal illi rcieva telefonata minghand klijent biex jinfurmah illi waqfitlu l-karozza u rreferih ghand il-garage Butterfly minn fejn kienet mikrija. Jghid illi mir-records tal-card li ghandhom jidher illi Tarek Talkuni ha *unleaded fuel* u mhux *diesel* kif qed jigi allegat. Gab dokumenti wkoll biex jipprova illi ma jistax isir tbaghbis ma' din is-sistema. Jghid illi n-nozzles tad-diesel u tal-petrol ma jaqblux u li ma hemm ebda records illi kellhom complaints ohrajn fuq unleaded petrol illi ttiehed f'dik il-gurnata. Izid illi huma gew invoiced zewg invoices li mid-data jidher illi saru qabel l-10 ta' Gunju, kif ukoll illi hemm affarijiet li ma ghandhomx x'jaqsmu xejn ma' kontaminazzjoni ta' fuel, bhal cinga u hydraulic tappets.

**Alan Calleja Urry** jghid illi huwa accountant mas-socjeta` konvenuta u jiehu hsieb wkoll l-amminstrazzjoni ta' l-istess socjeta`. Jghid illi fuq dan il-kaz ma kellu l-ebda kuntatti ma' terzi, jghid illi lil Angel Gorgev ma jafux u nnega kategorikament illi qatt saret din it-telefonata.

Xehed l-**Inginier Philip Borg** mill-Korporazzjoni Enemalta, li qal illi mir-records taghhom ma jidhirx illi fl-10 ta' Gunju 2005 kien hemm xi problema f'xi kontaminazzjoni ta' petrol.

L-attur **Joseph Ciscaldi**, f'dan l-istadju rega` xehed u qal illi ma jiftakarx meta kienet id-data preciza ta' l-incident izda ma jeskludix illi kienet l-10 ta' Gunju, 2005. Qal ukoll illi ma kienx prezenti meta allegatament tawh petrol flok diesel.

**Adrian Busuttil**, wiehed mid-diretturi tas-socjeta` konvenuta jghid illi meta l-Enemalta ghamlu l-verifiki taghhom sabu illi kollox kien *in order*. Ikkonferma wkoll illi n-nozzles huma differenti. Jghid illi bis-sistema` tal-cards kull informazzjoni jkun hemm record taghha u jirrizulta illi fid-data ta' l-incident kien ha *unleaded petrol*.

**Peter Paul Said** zied illi ma kienx hu li personalment ra l-vettura, izda hu kien issupervisja x-xogholijiet li sarula. Jghid illi ma jistax ikun petrol ikkontaminat izda kien

inghata diesel minflok petrol. Jghid illi hemm karozza illi l-inlet tagghom ikunu jiehdu kemm nozzle tal-petrol u kemm dak tad-diesel.

**Angel Georgev** rega` xehed u qal illi ma jiftakarx lil min kellem permezz tat-telefon, pero` il-konversazzjoni saret fil-presenza ta' Joseph Ciscaldi.

**Tarek Tarhouni** rega` xehed biex iddikjara illi hu ra lill-petrol attendant jpoggi unleaded petrol fil-vettura li kien qed isuq hu.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi t-Tribunal irid qabel xejn jiddeciedi dwar ir-responsabbilita` *o meno* tas-socjeta konvenuta ghall-akkadut u l-konsegwenti hsara fil-vettura ta' l-attur, anke jekk it-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita illi l-vettura msemmija sofriet hsara, dak li jrid jigi hawnekk deciz huwa jekk tali hsara hix tort tas-socjeta` konvenuta jew le.

It-Tribunal iqis is-segwenti bhali fatti importanti li rrizultaw u li ghandhom iwasslu ghal decizjoni ekwa dwar ir-responsabbilita` o meno tas-socjeta` konvenuta :

1. Mir-records tas-socjeta` konvenuta (card system) jirrizulta illi dak in-nhar il-vettura *de quo* inghatala unleaded petrol u mhux diesel.

2. Dan gie kkonfermat minn Tarek Tarhouni – l-istess persuna li kien qed jaghmel uzu mill-vettura – illi ra lill-*petrol attendant* jaghti unleaded petrol lill-vettura.

3. Gie stabbilit illi n-nozzle tat-tank tad-diesel ma tiffittjax bil-bokka tat-tank ta' vettura petrol.

4. Ma jirrizultax illi dak in-nhar tal-10 ta' Gunju 2005 kien hemm ilmenti ohra minn klijenti tas-socjeta` konvenuta illi hadu *unleaded petrol*.

5. Illi l-versjoni ta' l-attur kif espressa anke minn Angel Giorgiev, fis-sens illi l-Accountant tas-socjeta`

konvenuta kien talab ghall-invoices peress illi l-EneMalta kienet ser taghmel tajjeb ghall-hsara – kienet kategorikament michuda mill-istess Accountant Alan Calleja Urry.

6. Illi f'dawn l-istess proceduri l-EneMalta kkonfermat illi dak in-nhar ta' l-10 ta' Gunju 2005 ma kellha ebda rapporti ta' kontaminazzjoni ta' petrol.

7. Illi irrizulta ukoll illi meta l-EneMalta spezzjonat il-fuel fit-tankijiet tas-socjeta` konvenuta, irrizulta li kollox kien *in order*.

Maghdud ma' dan irid jigi osservat illi meta xehed l-attur (1.11.2007), dan ghamel stqarrija mportanti meta qal "*mistoqsi kif irrizultali li flok petrol tefghula diesel lill-vettura tieghi, jiena nghid, jiena ma kontx presenti meta allegatament tawh il-diesel flok id-petrol*".

L-attur ghandu jkun jaf illi minn jallega irid jipprova - u bid-deposizzjoni tieghu u bil-fatti kollha li rrizultaw, it-Tribunal ftit jista` jsib konfort jasal ghal decizjoni illi tikkonferma il-versjoni moghtija mill-attur.

Il-problema ta' l-attur f'dawn il-proceduri ma kienitx biss in-nuqqas ta' prova konvincenti – li anke fuq livell ta' probabbilita` tista` twassal lit-Tribunal jasal ghal decizjoni favur tieghu – izda ukoll mill-apprezzament tal-provi prodotti tirrizulta nuqqas ta' konvinciment u kredibilita` da parti ta' l-istess attur meta, rinfaccjat bid-domanda dwar *invoices* ta' riparazzjonijiet fuq il-vettura datati qabel id-data ta' l-allegat incident, huwa jirrispondi biss – "*jiena ma nista` nghid xejn*". Ma hemmx dubbju illi dak mhux mod kif wiehed jikkonvinci lit-Tribunal bil-versjoni tieghu.

Mtappna ukoll il-kredibilita` tal-versjoni attrici minn dak li qal Angel Giorgiev, li fl-ewwel lok jindika lill-Accountant tas-socjeta` konvenuta bhala l-persuna li maghha tkellem u li ammettiet it-tort – izda wara c-cahda kategorika ta' l-istess Accountant, l-istess Giorgiev jerga` jiehu l-pedana tax-xhiedha sabiex ighid illi ma jiftakarx ma' min tkellem. Ma hemmx dubbju illi dan mhux mod kif wiehed irid

jipprova l-verzjoni tieghu u din l-attitudini titfa` aktar dell ikrah milli gid fuq verzjoni ta’ parti jew ohra.

Minn naha l-ohra, il-verzjoni tas-socjeta` attrici kienet dejjem konsistenti u kkonfermata b’kull xhud illi tressaq. Mhux biss gie ampjament kkonfermat illi l-vettura inghatat petrol u mhux diesel, izda gie ukoll kkonfermat illi saru spezzjonijiet fuq it-tankijiet tas-socjeta` konvenuta u ma rrizulta ebda kontaminazzjoni. Hekk ukoll kif ma rrizultax illi kien hemm aktar ilmenti minn klijenti ohra f’dik il-gurnata.

Peter Paul Said, li ssorvelja x-xogholijiet li saru fuq il-vettura ta’ l-attur u prodott mill-istess attur ighid illi “*ma jistghax ikun illi kien petrol ikkontaminat u kkonkludejt li kienet inghatat diesel flok petrol*”.

Mill-provi prodotti, it-Tribunal mhux konvint minn din il-konkluzjoni ta’ Peter Paul Said u liema konkluzjoni setghet induciet lill-attur jinizja dawn il-proceduri. Di piu`, filwaqt illi r-rapport tieghu u ffirmat minnhu (fol 11) huwa datat 14 ta’ Ottubru 2005, (erba` xhur wara l-allegat incident) jikkonferma illi “*it was evident that the vehicle was supplied with the wrong fuel*”, b’dana kollu, in kontro-ezami huwa ighid illi “*ma kontx jiena personalment li rajt il-vettura allegatament bil-hsara, imma kelli nies ohra li rawha*”. Stqarrija din illi tkompli ddghajjef il-posizzjoni u l-konkluzjoni li wasal ghaliha hu – partikolarment meta t-Tribunal ghandu l-fatti l-ohra quddiemu. Pozizzjoni dghajjfa illi mhux eskluz illi sgwidat ukoll lill-istess attur u wasslitu sabiex inutilment jitfa` it-tort fuq is-socjeta` konvenuta.

It-Tribunal ghalhekk ma’ jhossx illi l-attur, anke fuq livell ta’ probabbilita`, ipprova l-kaz tieghu. Il-provi tieghu kienu kemmxejn fjakki – donnu kien aktar interessat fil-*quantum* (dwar liema ukoll jidher illi hemm x’wiehed jiddibbatti kif hawn fuq sorvolat – izda in vista tal-konkluzjoni li wasal ghaliha it-Tribunal, dan mhux ser isir) milli biex jipprova r-responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta kif trid il-ligi. U jekk it-Tribunal ma jsibx illi s-socjeta` konvenuta tahti

ghall-allegati hsarat, allura mhux ser jigu sindakati tali hsarat u l-*quantum* ta’ l-ispejjes riklamati.

It-Tribunal, tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet u mill-ezami ta’ l-assjem kollu tal-provi, ma jistghax jasal biex jikkonkludi illi l-versjoni tal-attur giet ppruvata – u jsib il-versjoni tas-socjeta` konvenuta maghmula in difiza bhala aktar verosimili u kredibbli sabiex it-Tribunal ma jistghax jasal jikkonkludi illi r-responsabbilita` ghall-allegati hsarat fil-vettura tal-attur hija tas-socjeta` konvenuta.

Ghaldaqstant, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-provi kollha prodotti, id-dokumenti kollha esebiti u x-xhieda kollha mressqa, it-Tribunal b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes ta’ din l-istanza kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------